

## Liema oqsma huma koperti mill-IMI?



Kwalifikasi professionali  
2005/36/KE



Servizzi  
2006/123/KE



Stazzjonar tal-ħaddiema  
96/71/KE



Flus kontanti fi tranżitu  
1214/2011



SOLVIT  
2013/461/UE



Kummerċ elettroniku  
2000/31/KE



Akkwist pubbliku  
2014/24/UE u 2014/25/UE



Drittijiet tal-pazjenti  
2011/24/UE



Liċenzi tas-sewqan  
tal-ferroviji  
2014/89/UE

### Interessat li ssir taf aktar?

Żur is-sit web tagħna:

[ec.europa.eu/iminet](http://ec.europa.eu/iminet)



Inti responsabbli għal qasam kopert mill-IMI? Staqsi dwar kif tirreġistra lill-Koordinatur Nazzjonali tal-IMI tiegħek (NIMIC). Issib id-dettalji ta' kuntatt tiegħu fis-sit web tal-IMI.



## Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)



Komunikazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet  
Servizz aħjar għaċ-ċittadini u n-negozji

Introduzzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi

L-IMI irċeviet l-appoġġ mill-ISA, il-programm tal-Kummissjoni  
Ewropea dwar soluzzjonijiet ta' interoperabilità  
għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.  
[ec.europa.eu/isa](http://ec.europa.eu/isa)

## X'inhil l-IMI?



- L-IMI hija għoddha tal-IT multilingwi onlajn.

Tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa kollha involuti fl-implementazzjoni prattika tal-liġi tal-UE.

- L-IMI tippermetti lill-awtoritajiet biex:

- ✓ jidentifikaw kontropartijiet f'pajjiż ieħor tal-UE;
- ✓ jistaqsu mistoqsijiet lil xulxin;
- ✓ jegħiġbu l-ostakli lingwistiċi permezz ta' settijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet u formoli tradotti minn qabel;
- ✓ jinnotifikaw lil xulxin dwar żviluppi;
- ✓ jaħżnu u jaqsmu l-informazzjoni.

- L-IMI tgħaqquad madwar 13,000 utent f'iktar minn 7,000 awtorità pubblika.


## Kif taħdem fil-prattika?



### Rikjesti għall-informazzjoni

Jippermettu awtorità f'pajjiż wieħed tibgħat mistoqsja jew rikuesta għal informazzjoni lil kontroparti fi Stat Membru ieħor, eż, dwar il-kwalifikasi professionali jew esperjenza ta' xogħol.

Awtorità fir-Renju Unit teħtieġ aktar informazzjoni dwar kwalifikasi ta' perit Ungeriż. Hija tagħżel il-mistoqsijiet rilevanti murija bl-Ingliż. L-awtorità Ungeriża tirċievi r-rikuesta bl-opzjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet murija bl-Ungeriż, iżda t-tweġiba tagħha tintwera bl-Ingliż għand l-awtorità tar-Renju Unit.



### Repożitorji u direttorji

Jippermettu lill-awtoritajiet iżommu u jikkonsultaw informazzjoni strutturata bħall-bażi tad-dejta ta' liċenzji ta' Flus kontanti fi tranżitu jew id-Direttorju tar-reġistri disponibbli għall-awtoritajiet kollha tal-IMI.

L-awtoritajiet taż-żona tal-euro jistgħu jivverifikaw jekk kumpanija li tittrasporta l-flus kontanti f'euro bejn il-fruntieri tkunx talbet liċenzja.



### Notifikasi u twissijiet

Jippermettu lill-awtoritajiet jinfurmaw lil xulxin dwar miżuri, restrizzjonijiet, riskji jew avvenimenti ġodda (eż. tipi ġodda ta' diplomi għall-periti).

L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar kwalunkwe rekwiżiti ġodda imposti fuq il-fornituri tas-servizzi.

## X'inhuma l-benefiċċi tal-IMI?



- L-IMI hija aċċessibbli fuq l-internet u mhu meħtieġ l-ebda softwer speċjali.
- Hija sigura u tifavorixxi l-protezzjoni tad-dejta:
  - ✓ l-awtoritajiet pubbliċi rreġistrati biss għandhom aċċess;
  - ✓ l-awtoritajiet jistgħu jaċċessaw biss l-informazzjoni li tikkonċernahom direttament;
  - ✓ hi offruta aktar protezzjoni tad-dejta milli b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni bħall-email jew it-telefōn;
  - ✓ huma applikati awtomatikament miżuri addizzjonal għall-protezzjoni tad-dejta personali.
- Il-koordinaturi Nazzjonali tal-IMI joffru taħriġ u appoġġ.
- L-IMI tnaqqas l-ispejjeż għaċ-ċittadini, ikkawżati minn dewmien amministrattiv.
- L-awtoritajiet jistgħu jivverifikaw il-progress tar-rikjesti tagħihom fl-IMI u t-tfakkiriet huma mibgħuta b'mod awtomatiku.
- Hija flessibbli u tista' takkomoda strutturi amministrattivi nazzjonali differenti (eż. ċentralizzati, deċentralizzati).